Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/1281

17.5.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1281

tas-7 ta' Mejju 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1208 dwar l-istruttura, il-format, il-proċessi tal-preżentazzjoni u r-rieżami tal-informazzjoni rrappurtata mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 19(5), 26(7) u 38(3) tiegħu,

Billi:

(1) Meta jirrapportaw *data* tal-inventarju tal-gassijiet serra lill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jużaw it-tabella komuni ta' rapportar u d-deskrizzjoni tad-dokumenti tal-inventarju tal-gassijiet serra li jintużaw skont il-Ftehim ta' Pariġi. Fl-2021, il-Konferenza tal-Partijiet li serviet bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi adottat id-Deċiżjoni 5/CMA.3 li tistabbilixxi t-tabella komuni ta' rapportar u d-deskrizzjoni tad-dokumenti tal-inventarju tal-gassijiet serra li għandhom jintużaw mill-Partijiet fil-preżentazzjoni tar-rapporti tal-inventarju nazzjonali tagħhom. Jeħtieġ li jiġu emendati d-definizzjonijiet fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1208 ([2]) sabiex jiġu aġġornati r-referenzi għad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Partijiet li tistabbilixxi t-tabella u d-deskrizzjoni ġenerali msemmija hawn fuq.

(2) L-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2018/1999 ġie emendat sabiex jirrikjedi li l-Kummissjoni twettaq rieżami komprensiv tad-*data* tal-inventarju nazzjonali dwar il-gassijiet serra fl-2025, flimkien mar-rieżamijiet komprensivi li għandhom jitwettqu fl-2027 u fl-2032. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu emendati l-Artikoli 30 u 32 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1208, kif ukoll l-Anness XXII ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, li jistabbilixxu l-proċedura u l-iskeda tar-rieżamijiet komprensivi li jridu jitwettqu skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

(3) F'konformità mal-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jirrapportaw informazzjoni dwar l-użu tad-dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Il-formati għar-rapportar ta' dik l-informazzjoni huma stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1208.

(4) Id-Direttiva 2003/87/KE ġiet emendata bid-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u ġew introdotti diversi bidliet dwar l-użu tad-dħul mill-irkant. Dawk il-bidliet jeħtieġ li jiġu riflessi fil-formati stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1208.

([1]) ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1. ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1999/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1208 tas-7 ta' Awwissu 2020 dwar l-istruttura, il-format u l-proċessi tal-preżentazzjoni u r-rieżami tal-informazzjoni rrappurtata mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 749/2014 (ĠU L 278, 26.8.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1208/oj).

([3]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/2023-06-05).

([4]) Id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 134, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/959/oj).

(5) L-Artikolu 10(3), l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva 2003/87/KE issa jipprevedi li d-dħul kollu mill-irkant li mhuwiex attribwit lill-baġit tal-Unjoni fil-forma ta' riżorsi proprji, jew il-valur finanzjarju ekwivalenti ta' tali dħul mill-irkant, għandu jintuża għall-finijiet relatati mal-klima elenkati f'dak l-Artikolu, bl-eċċezzjoni tad-dħul użat għall-kumpens tal-kostijiet indiretti tal-karbonju. Dan jinkludi żieda fid-dħul mill-irkantar tal-Istati Membri bħala riżultat tal-inklużjoni tat-trasport marittimu fl-EU ETS, li minħabba fiha l-Istati Membri huma mħeġġa jżidu l-użu tagħhom biex jikkontribwixxu għall-protezzjoni, ir-restawr u l-ġestjoni aħjar tal-ekosistemi bbażati fuq il-baħar, b'mod partikolari ż-żoni tal-baħar protetti. Sabiex jiġi segwit il-progress li sar lejn il-mira obbligatorja tal-infiq tad-dħul kollu għall-finijiet tal-Artikolu 10(3), l-ewwel subparagrafu, jenħtieġ li tiġi introdotta tabella 2 ġdida fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1208 għar-rapportar dwar l-iżborż kumulattiv tad-dħul li jappartjeni għal kull sena.

(6) L-Artikolu 10(3), il-ħames subparagrafu tad-Direttiva 2003/87/KE issa jirrikjedi li r-rappurtar dwar id-dħul mill-irkant għandu jkun dettaljat biżżejjed biex jippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta l-konformità tal-Istati Membri mal-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni teħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw mill-ġdid l-informazzjoni dwar l-użu tad-dħul jekk tqis li tali informazzjoni ma tkunx dettaljata biżżejjed għall-valutazzjoni tal-konformità tal-Istati Membri, u li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jindirizzaw dawk in-nuqqasijiet fi żmien raġonevoli.

(7) Il-lista ta' finijiet relatati mal-klima fl-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2003/87/KE ġiet estiża sabiex tkopri finijiet addizzjonali b'impatt ambjentali pożittiv. Barra minn hekk, l-Istati Membri issa huma meħtieġa, skont ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 10(3), jirrapportaw kull sena dwar l-użu tad-dħul mill-irkant, filwaqt li jispeċifikaw, fejn rilevanti u kif xieraq, liema dħul jintuża u l-azzjonijiet li jittieħdu biex jiġu implimentati l-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima u l-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta tagħhom. L-Istati Membri huma meħtieġa wkoll iqisu l-ħtieġa li jkomplu jżidu l-finanzjament internazzjonali għall-klima f'pajjiżi terzi vulnerabbli meta jiddeterminaw l-użu tad-dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti. It-tabella għar-rapportar dwar l-użu tad-dħul mill-irkant tal-kwoti għall-finijiet domestiċi u tal-Unjoni skont l-Artikoli 3d u 10 tad-Direttiva 2003/87/KE jenħtieġ li tiġi adattata sabiex tirrifletti dawk ir-rekwiżiti u l-iskopijiet il-ġodda, bħala tabella 3 ġdida. Sabiex jinkiseb fehim aktar dettaljat tal-infiq tad-dħul mill-irkant fi ħdan l-iskopijiet usa' tal-lista tal-Artikolu 10(3), f'din it-tabella l-Istati Membri jenħtieġ li jindikaw il-kategorija preċiża tal-infiq, inklużi l-finijiet internazzjonali u l-finanzjament internazzjonali għall-klima, u jenħtieġ li jindikaw meta d-dħul intuża għal proġett jew programm għall-manifattura ta' teknoloġiji żero netti.

(8) L-Artikolu 30m(3) tad-Direttiva 2003/87/KE jirrikjedi li l-Istati Membri jagħmlu ħilithom biex jiżguraw il-viżibbiltà tas-sors tal-finanzjament ta' azzjonijiet jew proġetti ffinanzjati mid-dħul mill-irkant li jiddeterminaw l-użu tagħhom f'konformità mal-Artikolu 3d(4), l-Artikolu 10(3) u l-Artikolu 30d(6) ta' dik id-Direttiva, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali. It-tabella 3 il-ġdida jenħtieġ li tippermetti lill-Istati Membri jirrappurtaw dwar kif għamlu ħilithom biex jiżguraw tali viżibbiltà.

(9) L-Istati Membri b'responsabbiltà għal proporzjon għoli ta' kumpaniji tat-tbaħħir meta mqabbla mal-popolazzjoni tagħhom jiġu attribwiti sehem ta' kwoti u jenħtieġ li jużaw id-dħul iġġenerat mill-irkant ta' dak is-sehem ta' kwoti għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2003/87/KE, l-ewwel subparagrafu, il-punt (g), fir-rigward tas-settur marittimu, u l-punti (f) u (i) ta' dak is-subparagrafu. It-tabella 3 l-ġdida jenħtieġ li tippermetti lill-Istati Membri rilevanti jirrapportaw dwar l-użu ta' tali dħul addizzjonali għal skopijiet marittimi.

(10) Mill-1 ta' Jannar 2021, kemm l-operaturi tal-installazzjonijiet kif ukoll l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jistgħu jċedu l-kwoti ġenerali u tal-avjazzjoni skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2003/87/KE. Barra minn hekk, fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 ([5]), id-definizzjoni ta' kwoti ġenerali ġiet emendata biex wara l-1 ta' Jannar 2025 tinkludi l-kwoti kollha maħruġa skont il-Kapitolu III tad-Direttiva 2003/87/KE, il-kwoti kollha maħluqa għall-attivitajiet tat-trasport marittimu skont l-Artikolu 3ga ta' dik id-Direttiva u l-kwoti kollha maħluqa għall-attivitajiet tal-avjazzjoni skont l-Artikolu 3c u l-Artikolu 3d ta' dik id-Direttiva. Dawk il-kwoti għandhom jiġu rkantati b'mod konġunt fl-istess perjodi għall-offerti mill-1 ta' Jannar 2025. B'riżultat ta' dan, jenħtieġ li tiġi eliminata kwalunkwe distinzjoni bejn ir-rapportar dwar id-dħul mill-avjazzjoni u dak mhux mill-avjazzjoni fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1208.

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni (ĠU L 177, 2.7.2019, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/1122/oj).

(11) Ir-rapportar tad-dħul mill-irkant skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1208 jenħtieġ li jiġi ssimplifikat abbażi tal-esperjenza miġbura mir-rapportar taħtu. L-ewwel nett, jenħtieġ li t-Tabelli 1a u 1b jiġu kkombinati biex jiġi ssimplifikat ir-rapportar, f'tabella 1 ġdida li tipprovdi ħarsa ġenerali lejn id-dħul iġġenerat u l-użu tiegħu fis-sena ta' rapportar. It-tieni nett, it-Tabelli 3, 4, 5 u 6 fl-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni wrew li huma dettaljati wisq biex jiġu rrappurtati kif suppost u għalhekk jintużaw għal skopijiet komparattivi. Għalhekk, it-Tabelli 3, 4 u 5 jenħtieġ li jiġu sostitwiti b'tabella waħda, li tgħaqqad id-dħul kollu mill-irkant tal-kwoti għal skopijiet internazzjonali f'ħarsa ġenerali unika billi t-Tabella 4 l-ġdida, u t-tabella 6 jenħtieġ li jitħassru.

(12) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1208 jistabbilixxi l-format tar-rapporti li l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jissottomettu lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) 2018/1999. Tali rapporti jikkonċernaw, fost l-oħrajn, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra koperti mir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]).

(13) Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/842 huwa definit b'referenza għall-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE li jelenka l-attivitajiet koperti mid-Direttiva 2003/87/KE.

(14) L-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE ġie emendat biż-żieda tal-attività "trasport marittimu" kif ukoll, mill-1 ta' Jannar 2024, għall-finijiet tal-Artikoli 14 u 15 ta' dik id-Direttiva, l-attività " kombustjoni ta' fjuwils f'installazzjonijiet għall-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali b'input termiku nominali totali li jaqbeż l-20 MW". L-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2018/842 ġie emendat biex jiżgura li tali emenda tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE ma tbiddilx il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/842.

(15) Il-mudelli ta' rapportar stabbiliti fl-Annessi XII u XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1208 jinkludu ċelloli fejn l-Istati Membri għandhom jindikaw il-kwantità ta' emissjonijiet li jaqgħu taħt id-Direttiva 2003/87/KE. Jeħtieġ li jiġi stabbilit, billi tiżdied nota ta' qiegħ il-paġna 5 għall-Anness XII u billi tiġi emendata n-nota ta' qiegħ il-paġna 7 tal-Anness XV, li l-emissjonijiet ikkawżati mill-attività "trasport marittimu" kif ukoll l-emissjonijiet mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE għall-finijiet tal-Artikoli 14 u 15 ta' dik id-Direttiva, ma għandhomx jiġu inklużi fil-kwantitajiet li l-Istati Membri għandhom jindikaw f'tali ċelloli.

(16) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 ([7]) li jistabbilixxi r-regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-attivitajiet soġġetti għad-Direttiva 2003/87/KE, ġie emendat biex jiġi allinjat mad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) li tirregola l-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli. B'riżultat ta' dan, mill-1 ta' Jannar 2023 (sena tal-emissjonijiet) mhux l-emissjonijiet kollha mill-kombustjoni tal-bijomassa jridu jiġu rrapportati bħala b'rata żero skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, iżda biss dawk fejn il-bijomassa użata tikkonforma mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 29(2) sa (7) u (10) tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Dik l-emenda għandha effett fuq il-kalkolu tal-emissjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2018/842, peress li l-emissjonijiet mill-kombustjoni tal-bijomassa li ma għandhomx jiġu rrapportati bħala b'rata żero skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 jiskattaw żieda fl-emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE li għandhom jingħaddu għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2018/842 u tnaqqis ugwali fl-emissjonijiet ikkalkulati skont ir-Regolament (UE) 2018/842. Għalhekk, fl-Annessi XII u XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1208 jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-emissjonijiet tas-CO2 mill-użu tal-bijomassa f'installazzjonijiet stazzjonarji skont id-Direttiva 2003/87/KE se jitqiesu bħala żero għall-finijiet tal-Annessi XII u XV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(17) Fl-2021, il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) iddeċidiet li mill-2024 'il quddiem, għall-fini tal-Ftehim ta' Pariġi, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra maħżuna b'mod permanenti maqbuda mill-kombustjoni tal-bijomassa jew mill-proċessi industrijali għandhom jitnaqqsu mill-emissjonijiet totali ta' kull Parti.

([6]) Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/842/oj).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/2066/oj).

([8]) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2018/2001/oj).

(18) Il-premessa 17 tar-Regolament (UE) 2023/857 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) irrikonoxxiet l-importanza ta' skema tal-Unjoni għaċ-ċertifikazzjoni ta' assorbimenti tal-karbonju maħżun b'mod sikur u permanenti miksuba permezz ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi li għandhom jiġu stabbiliti, li toffri ċarezza lill-Istati Membri u lill-operaturi tas-suq biex itejbu tali assorbimenti tal-karbonju. Meta tali skema ta' ċertifikazzjoni tkun fis-seħħ, tista' ssir analiżi dwar kontabbiltà għal tali assorbimenti tal-karbonju skont il-liġi tal-Unjoni.

(19) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Frar 2024 "Lejn Ġestjoni Industrijali tal-Karbonju ambizzjuża għall-UE" tenfasizza li l-ktajjen tal-valur tal-assorbimenti tal-karbonju industrijali huma kruċjali biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika minqux fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]). Madankollu, jinnota wkoll li l-assorbimenti industrijali tal-karbonju bħalissa mhumiex koperti mid-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolament (UE) 2018/842 jew ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]) u jenfasizza l-importanza li jiġi vvalutat kif l-aħjar jiġu pprovduti inċentivi għall-assorbimenti industrijali tal-karbonju fil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE jew permezz ta' strumenti ġodda.

(20) Sabiex tiġi żgurata l-kontabbiltà korretta tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont ir-Regolament (UE) 2018/842, li ma jipprevedix it-tnaqqis tagħhom, l-emissjonijiet negattivi rrapportati lill-UNFCCC jenħtieġ li ma jitqisux meta jiġu kkalkulati l-emissjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/842.

(21) Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u ċ-ċertezza legali, huwa xieraq li fl-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1208 jiġu indikati d-dati li fihom l-Istati Membri għandhom jieħdu d-*data* dwar l-emissjonijiet totali vverifikati minn installazzjonijiet stazzjonarji skont id-Direttiva 2003/87/KE għall-fini tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet li jaqgħu taħt ir-Regolament (UE) 2018/842.

(22) Skont l-Artikolu 29(5) tar-Regolament (UE) 2018/1999, kull sena l-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-Istati Membri għamlux biżżejjed progress biex jissodisfaw l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/841. Filwaqt li l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra mhejjija għall-kontijiet tagħhom tal-LULUCF skont l-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) 2018/1999 hija dovuta biss fis-snin 2027 u 2032, ir-rapportar annwali ta' tali *data* jippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta kif xieraq il-progress tal-Istati Membri lejn l-ilħuq tal-obbligi tagħhom stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/841. Huwa għalhekk xieraq li jiġi nnotat, fl-Anness XX, li l-Istati Membri huma mħeġġa jirrapportaw id-*data* msemmija fih fuq bażi annwali.

(23) Il-maġġoranza tal-informazzjoni meħtieġa fit-Tabella 1a tal-Anness XX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1208 tista' tinkiseb awtomatikament mit-tabelli tas-CRT sottomessi għar-rapportar tal-inventarju tal-gassijiet serra dment li jintużaw il-menus li jinżlu li jippermettu l-għażla tas-subkategoriji f'dawk it-tabelli. Sabiex jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti ta' rapportar, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-għażla li jirreferu għar-rapporti tal-inventarju tal-gassijiet serra tagħhom għall-fini tar-rapportar ta' ċerta informazzjoni mitluba fit-Tabella 1a tal-Anness XX dment li jużaw il-menus li jinżlu. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri xorta jkunu meħtieġa jirrapportaw informazzjoni dwar art forestali ġestita u art afforestata, u l-emissjonijiet/l-assorbimenti esklużi minn disturbi naturali fuq dawk il-kategoriji tal-art, peress li dik l-informazzjoni ma tistax tiġi rkuprata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent jew mill-Kummissjoni abbażi tar-rapporti tal-inventarju tal-gassijiet serra. Fl-Anness XXV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1208, it-Tabella 1b mhux se tibqa' meħtieġa mill-2027, peress li l-informazzjoni meħtieġa f'dik it-tabella tista' tinkiseb mill-inventarji tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. It-tabella sommarja korrispondenti 5a se ssir żejda wkoll minn dik is-sena. Għalhekk huwa xieraq li jitħassru t-tabelli 1b u 5a tal-Anness XXV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1208 b'effett mill-1 ta' Jannar 2028.

([9]) Ir-Regolament (UE) 2023/857 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' April 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/842 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u r-Regolament (UE) 2018/1999 (ĠU L 111, 26.4.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/857/oj).

([10]) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1119/oj).

([11]) Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/841/oj).

(24) Il-proċedura stabbilita fl-Anness XXII għat-twettiq tal-korrezzjonijiet tekniċi jenħtieġ li tiġi allinjata aktar mal-Artikoli 31 u 32 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1208 biex tirrifletti aħjar it-tħassib tal-koleġiżlaturi dwar il-bidliet fil-metodoloġija permessi skont ir-Regolament (UE) 2018/841.

(25) Wara r-reviżjoni tar-Regolament (UE) 2018/841 bir-Regolament (UE) 2023/839 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]), il-konformità tal-Istati Membri fl-ewwel perjodu ta' konformità 2021–2025 trid tiġi vvalutata abbażi tal-emissjonijiet u l-assorbimenti kkontabilizzati ta' gassijiet serra, filwaqt li għat-tieni perjodu ta' konformità (2026–2030), il-konformità tal-Istati Membri trid tiġi vvalutata abbażi tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra rrapportati. It-tranżizzjoni minn valuri kontabilizzati għal valuri rrapportati se tippermetti aktar simplifikazzjoni tal-obbligi ta' rapportar bejn ir-Regolament (UE) 2018/841 u r-Regolament (UE) 2018/1999. Il-kamp ta' applikazzjoni u l-istruttura riveduti tat-tieni perjodu ta' konformità jirrikjedu wkoll bidliet limitati fit-Tabella 1a u fit-Tabella 5b fl-Anness XXV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1208.

(26) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1208 jiġi emendat skont dan.

(27) F'konformità mal-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999, l-Istati Membri jridu jirrapportaw kull sena sal-31 ta' Lulju dwar l-użu tad-dħul iġġenerat mill-Istat Membru permezz tal-irkant tal-kwoti. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jikkonformaw ma' din l-iskadenza bl-użu tal-mudelli tar-rapportar kif emendat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1208, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-14 ta' Mejju 2024.

(28) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1208

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1208 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(1) 'tabella tar-rappurtar komuni', jew 'TKR', tfisser tabella għall-informazzjoni dwar l-emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet serra mis-sorsi u tal-assorbiment tal-gassijiet serra mill-bjar inklużi fl-Anness I tad-Deċiżjoni 5/CMA.3 tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi (id-Deċiżjoni 5/CMA.3).";

(b) il-punt (6) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(6) 'deskrizzjoni tad-dokumenti tal-inventarju tal-gassijiet serra" tfisser id-deskrizzjoni ġenerali inkluża fl-Anness V tad-Deċiżjoni 5/CMA.3 tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi skont id-Deċiżjoni 18/CMA.1.";

(2) fl-Artikolu 5, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Jekk il-Kummissjoni tqis li l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu mhijiex dettaljata biżżejjed għal valutazzjoni tal-konformità mal-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2003/87/KE, il-Kummissjoni għandha titlob li l-Istat Membru rilevanti jerġa' jippreżenta r-rapport b'informazzjoni dettaljata biżżejjed. Tali preżentazzjoni mill-ġdid għandha ssir fi żmien xahrejn minn meta tasal it-talba.";

(3) fl-Artikolu 30, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta jwettqu r-rieżamijiet komprensivi msemmija fl-Artikolu 38(1) u (1a) tar-Regolament (UE) 2018/1999, il-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandhom ikunu assistiti minn tim ta' rieżami ta' esperti tekniċi u jsegwu l-proċedura stabbilita fl-Anness XXII.";

([12]) Ir-Regolament (UE) 2023/839 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' April 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli dwar ir-rappurtar u l-konformità, u l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030, u r-Regolament (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami (ĠU L 107, 21.4.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/839/oj).

(4) L-Artikolu 32 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 32*

Rapporti ta' rieżami finali

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat dwar it-tmiem tar-rieżami komprensiv u tipprovdi lill-Istat Membru b'rapport ta' rieżami finali sat-30 ta' Awwissu 2025, sat-30 ta' Awwissu 2027 u sat-30 ta' Awwissu 2032 rispettivament.";

(5) L-Anness II huwa sostitwit bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(6) L-Anness XII huwa sostitwit bit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(7) L-Anness XV huwa sostitwit bit-test fl-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(8) L-Anness XX huwa emendat kif stabbilit fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(9) L-Anness XXII huwa emendat kif stabbilit fl-Anness V ta' dan ir-Regolament;

(10) L-Anness XXV huwa sostitwit bit-test fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

(11) It-Tabelli 1b u 5a tal-Anness XXV jitħassru.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-14 ta' Mejju 2024.

Madankollu, l-Artikolu 1, il-punt (11), għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2028.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Mejju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

"ANNESS II

L-informazzjoni dwar l-użu tad-dħul mill-irkant skont l-Artikolu 5

Tabella 1:

Dħul iġġenerat u użat mill-irkant tal-kwoti fis-sena X-1

1		Ammont għas-sena X-1	
2		1 000 Euro	1 000 fil-munita domestika, jekk applikabbli (1)
3	A	B	C
4	**L-ammont totali ta' dħul** mill-irkant tal-kwoti		
5	**L-ammont totali ta' dħul iġġenerat** mill-kwoti addizzjonali skont l-Artikolu 3ga(3) it-tieni subparagrafu (2)		
6	**L-ammont totali ta' dħul mill-irkant tal-kwoti jew il-valur finanzjarju ekwivalenti żborżat għall-finijiet** speċifikati fl-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2003/87/KE		
7	**L-ammont totali ta' dħul mill-irkant ta' kwoti jew il-valur finanzjarju ekwivalenti impenjat** (3) **iżda mhux żborżat għall-finijiet** speċifikati fl-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2003/87/KE		
8	**L-ammont totali ta' dħul mill-irkant tal-kwoti jew il-valur finanzjarju ekwivalenti li għadu mhux impenjat jew żborżat**		
9	**Approċċ finanzjarju** Jekk jogħġbok spjega l-approċċ nazzjonali rilevanti (fond, proġetti *ad hoc*, valur finanzjarju ekwivalenti permezz tal-baġit ġenerali, jew kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom) u kwalunkwe bidla fl-approċċ mill-aħħar rapportar		

Notazzjoni: X = is-sena li fiha jsir ir-rapportar

Noti:

(1) Għall-konverżjoni tal-munita għandha tintuża rata tal-kambju annwali medja għas-sena X-1 jew ir-rata tal-kambju reali applikata għall-ammont żborżat.

(2) Skont l-Artikolu 3ga (3) tad-Direttiva 2003/87/KE, sal-31 ta' Diċembru 2030, sehem tal-kwoti jiġi attribwit lill-Istati Membri bi proporzjon għoli ta' kumpaniji tat-tbaħħir li kienu jkunu taħt ir-responsabbiltà tagħhom meta mqabbla mal-popolazzjoni rispettiva tagħhom fl-2020. Id-dħul iġġenerat mill-irkant ta' dak is-sehem tal-kwoti għandu jiġi rrapportat separatament hawnhekk u inkluż fl-ammont irrapportat fir-ringiela 4.

(3) 'Impenn' ifisser li l-Istat Membru jkun assenja l-flus għal programm jew miżura speċifiċi, pereżempju fil-forma ta' linja baġitarja f'fond iddedikat jew fil-forma ta' kuntratt ma' benefiċjarju, iżda jkun għadu ma ħallashomx.

Tabella 2:

Dħul mill-irkant tal-kwoti mill-5 ta' Ġunju 2023 żborżat b'mod kumulattiv fis-sena X-1 għall-finijiet speċifikati fl-Artikolu 10(3) lejn l-obbligu tal-infiq ta' 100 %

	Rapportar dwar: — Dħul mill-irkant iġġenerat fis-sena X-1 żborżat għall-finijiet speċifikati fl-Artikolu 10(3) f'EUR 1 000 (jew munita domestika) fis-sena X-1 u bħala perċentwal tad-dħul iġġenerat fis-sena X-1 — Id-dħul totali mill-irkant iġġenerat fis-sena X-2 żborżat għall-finijiet speċifikati fl-Artikolu 10(3) f'EUR 1 000 (jew munita domestika) sas-sena X-1, espress ukoll bħala perċentwal tad-dħul iġġenerat fis-sena X-2 ([1])								Kummenti
Sena	2023	2024	2025	2026	2027	2028	2029	2030	% total	Jekk għadu ma ntlaħaqx 100 %, jekk jogħġbok spjega għaliex u meta tistenna li tintlaħaq il-mira ta' 100 %
2023 ([2])										
2024										
2025										
2026										
2027										
2028										
2029										
2030										

Notazzjoni: X = is-sena li fiha jsir ir-rapportar

Noti:

(1) It-tieni ċellola bl-abjad tar-ringiela ta' kull sena turi s-somma tad-dħul ta' X-2 żborżat fis-sena X-1 u fis-sena X-2. Eż., iċ-ċellola għas-sena 2023 u l-iżborż fl-2024 juru s-somma tad-dħul ta' 2023 żborżat fl-2023 u fl-2024. L-iskop ta' din it-tabella huwa li tiġi traċċata n-nefqa tad-dħul għal sena partikolari biex jiġi ssodisfat l-obbligu ta' 100 %.

(2) Mill-5 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2023.

Tabella 3:

Dħul żborżat jew impenjat fis-sena X-1 mid-dħul iġġenerat mill-irkant ta' kwoti għall-finijiet domestiċi, tal-Unjoni u internazzjonali skont l-Artikoli 3d u 10 tad-Direttiva 2003/87/KE

1	Tip ta' użu (1)	Isem tal-proġett jew programm	Deskrizzjoni qasira	Kategorija (2)	Ammont għas-sena X-1		Status tal-iżborż u s-sena(3)	Status tal-impenji u s-sena(4)	Viżibilità (5)	Mekkaniżmu ta' ridistribuzzjoni b'rabta mas-settur marittimu (6)	NECP / JTP (7)	Manifattura ta' teknoloġiji żero netti	Kummenti
2	Eż. l-Artikolu 10(3), il-punt (a), tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Artikolu 10(3), il-punt (b), tad-Direttiva 2003/87/KE, eċċ.	Eż. titlu tal-programm, tal-attività, tal-azzjoni jew tal-proġett	Inkludi l-aġenzija ta' implimentazzjoni u referenza għas-sors online ta' deskrizzjoni aktar dettaljata	Indika l-kategorija li tikkorrispondi l-aħjar mill-għażliet ipprovduti	1 000 Euro	1 000 Munita domestika	Indika s-sena li fiha ġie ġġenerat id-dħul	Indika s-sena li fiha ġie ġġenerat id-dħul	Indika kif tiġi żgurata l-viżibbiltà u minn min (eż. benefiċjarju, jew korp pubbliku rilevanti)	Immarka l-kaxxa jekk il-proġett jew il-programm juża d-dħul tal-Artikolu 3ga (3)	Indika jekk l-implimentazzjoni tal-NECP jew ta' JTP bl-azzjoni	Immarka l-kaxxa jekk il-proġett jew il-programm huwa għall-manifattura ta' teknoloġiji żero netti(8)	Eż. spjega l-lakuni, l-informazzjoni kwalitattiva dwar l-użi speċifiċi jekk l-informazzjoni kwantitattiva ma tkunx disponibbli
3	A	B	C	D	E	F	G	H	I	J	K	L	M
4													
5													

(Żid ringieli kif meħtieġ)

6		**L-ammont totali ta' dħul jew il-valur finanzjarju ekwivalenti użat**			Somma tal-kolonna D	Somma tal-kolonna E							

Notazzjoni: X = is-sena li fiha jsir ir-rapportar

Noti:

(1) Għżel mil-lista ta' skopijiet li ġejja, kif stabbilit fl-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2003/87/KE. F'din it-tabella, l-Istati Membri għandhom jevitaw li l-ammonti jingħaddu darbtejn. Meta programm jew proġett individwali jikkontribwixxu għal skopijiet multipli, jekk joqogħbok għżel l-iskop li jikkontribwixxi l-aktar għalih:

a) għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, anke billi jsir kontribut lill-Fond Dinji għall-Effiċjenza fl-Enerġija u għall-Enerġija Rinnovabbli u lill-Fond ta' Adattament kif sar operattiv mill-Konferenza ta' Poznan dwar il-Bidla fil-Klima (COP 14 u COP/MOP 4), għall-adattament għall-impatti tal-bidla fil-klima u għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp kif ukoll għall-proġetti ta' dimostrazzjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u għall-adattament għall-bidla fil-klima, inkluża l-parteċipazzjoni f'inizjattivi fi ħdan il-qafas tal-Pjan Ewropew Strateġiku dwar it-Teknoloġija tal-Enerġija u l-Pjattaformi għat-Teknoloġija Ewropej;

b) għall-iżvilupp ta' enerġiji rinnovabbli u grilji għat-trażmissjoni tal-elettriku biex jitwettaq l-impenn tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġiji rinnovabbli u l-miri tal-Unjoni dwar l-interkonnettività, kif ukoll biex jiġu żviluppati teknoloġiji oħra li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni għal ekonomija sikura u sostenibbli b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, u bħala għajnuna fit-twettiq tal-impenn tal-Unjoni li tiżdied l-effiċjenza enerġetika għal-livelli maqbula f'atti leġiżlattivi rilevanti, inkluż il-produzzjoni tal-elettriku minn awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli u komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli;

c) miżuri mmirati biex jevitaw id-deforestazzjoni u jappoġġaw il-protezzjoni u r-restawr tat-torbiera, tal-foresti u ta' ekosistemi oħra tal-art jew ekosistemi tal-baħar, inklużi miżuri li jikkontribwixxu għall-protezzjoni, ir-restawr u ġestjoni aħjar tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward taż-żoni protetti tal-baħar, u jżidu l-afforestazzjoni u r-riforestazzjoni favur il-bijodiversità, inkluż f'pajjiżi li qed jiżviluppaw li rratifikaw il-Ftehim ta' Parigi, u miżuri biex jiġu ttrasferiti t-teknoloġiji u jiġi ffaċilitat l-adattament għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima f'dawk il-pajjiżi;

d) is-sekwestrazzjoni tal-forestrija u tal-ħamrija fl-Unjoni;

e) il-ġbir u l-ħżin ġeoloġiku tas-CO_2, b'mod ambjentalment sikur, b'mod partikolari minn impjanti tal-enerġija tal-fjuwils fossili solidi u numru ta' setturi u subsetturi industrijali, inkluż f'pajjiżi terzi, u metodi innovattivi u teknoloġiċi tal-assorbiment tal-karbonju, bħall-qbid dirett mill-arja u l-ħżin;

f) għall-investiment u l-aċċelerazzjoni fil-bidla lejn forom ta' trasport li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur, inkluż l-iżvilupp ta' trasport ferrovjarju tal-passiġġieri u tal-merkanzija u servizzi u teknoloġiji tal-karozzi tal-linja li ma jagħmlux ħsara lill-klima, miżuri għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu, inkluż it-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti, il-portijiet, it-teknoloġiji u l-infrastruttura innovattivi, u fjuwils alternattivi sostenibbli, bħall-idroġenu u l-ammonijaka li huma prodotti minn sorsi rinnovabbli, u teknoloġiji ta' propulsjoni b'emissjonijiet żero, u għall-finanzjament ta' miżuri li jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tal-ajruporti f'konformità ma' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għal trasport bl-ajru sostenibbli;

g) il-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp fl-effiċjenza enerġetika u t-teknoloġiji nodfa fis-setturi koperti mid-Direttiva 2003/87/KE;

h) miżuri maħsuba biex itejbu l-effiċjenza enerġetika, is-sistemi tat-tisħin distrettwali u l-iżolazzjoni, biex jappoġġjaw is-sistemi ta' tisħin u tkessiħ effiċjenti u rinnovabbli, jew biex jappoġġaw ir-rinnovazzjoni profonda u profonda fi stadji tal-bini f'konformità mad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li tibda mir-rinnovazzjoni tal-bini bl-aġħar prestazzjoni;

ha) għall-provvista ta' appoġġ finanzjarju biex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali f'unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju, inkluż billi jitnaqqsu t-taxxi distorsivi, u tnaqqis immirat tad-dazji u l-imposti għall-elettriku rinnovabbli;

hb) għall-finanzjament ta' skemi nazzjonali ta' dividendi klimatiċi b'impatt ambjentali pożittiv ippruvat kif dokumentat fir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

i) biex jiġu koperti l-ispejjeż amministrattivi għall-ġestjoni tal-EU ETS;

j) għall-finanzjament ta' azzjonijiet klimatiċi f'pajjiżi terzi vulnerabbli, inkluż l-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima;

k) għall-promozzjoni tal-formazzjoni tal-ħiliet u r-riallokazzjoni tal-ħaddiema sabiex isir kontribut għal tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija newtrali għall-klima, b'mod partikolari f'reġjuni milquta l-aġħar mit-tranżizzjoni tal-impjiegi, f'koordinazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, u biex isir investiment fit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema li potenzjalment huma affettwati mit-tranżizzjoni, inklużi l-ħaddiema fit-trasport marittimu;

l) għall-indirizzar ta' kwalunkwe riskju residwu ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fis-setturi koperti mill-Anness I għar-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jappoġġa t-tranżizzjoni u jippromwovi d-dekarbonizzazzjoni tagħhom f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

(2) Jekk joqogħbok agħżel mil-lista li ġejja. Meta programm jew proġett individwali jikkontribwixxi għal diversi oqsma, jekk joqogħbok agħżel dak li għalih jikkontribwixxi l-aktar:

1. Il-provvista tal-enerġija, il-grilji u l-ħżin (eż. l-awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli)
2. L-effiċjenza enerġetika, it-tisħin u t-tkessiħ fil-bini
3. Id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija (teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, CCUS u effiċjenza enerġetika fis-setturi industrijali minbarra s-settur tal-enerġija)
4. L-assorbimenti permanenti (BECCS/DACCS)
5. L-appoġġ soċjali u t-tranżizzjoni ġusta
6. L-iskopijiet internazzjonali u l-finanzjament internazzjonali għall-klima
7. It-trasport pubbliku u l-mobbiltà (ferrovija, xarabank, metrò, tramm, rota, mixi)
8. It-trasport bit-triq (karozzi, trakkijiet)
9. L-avjazzjoni (inklużi fjuwils alternattivi)
10. It-trasport marittimu (inklużi l-effiċjenza enerġetika, l-infrastruttura, u l-fjuwils alternattivi)
11. L-adattament
12. Il-LULUCF, l-agrikoltura u l-assorbimenti bbażati fuq l-art
13. Il-ġestjoni tal-iskart
14. L-ispejjeż amministrattivi
15. Oħrajn

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1281/oj

(3) Jekk jogħġbok indika għal liema sena jappartjenu l-ammonti żborżati, jiġifieri f'liema sena ġew iġġenerati mill-irkantijiet. Din l-informazzjoni hija meħtieġa biex jiġi kkalkulat jekk ġewx żborżati 100 % tad-dħul ta' sena partikolari.

(4) Jekk jogħġbok indika għal liema sena jappartjenu l-ammonti impenjati, jiġifieri f'liema sena ġew iġġenerati mill-irkantijiet. 'Impenn' ifisser li l-Istat Membru jkun assenja l-flus għal programm jew miżura speċifiċi, pereżempju fil-forma ta' linja baġitarja f'fond iddedikat jew fil-forma ta' kuntratt ma' benefiċjarju, iżda jkun għadu ma ħallashomx.

(5) Skont l-Artikolu 30m(3) tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw il-viżibbiltà tas-sors tal-finanzjament ta' azzjonijiet jew proġetti ffinanzjati mid-dħul mill-irkantar tal-EU ETS li jiddeterminaw l-użu tagħhom f'konformità mal-Artikolu 3d(4), l-Artikolu 10(3) u l-Artikolu 30d(6) ta' dik id-Direttiva." F'każ li l-viżibbiltà tal-finanzjament ma tkunx żgurata, jekk jogħġbok spjega kif sar sforz.

(6) Skont l-Artikolu 3ga (3) tad-Direttiva 2003/87/KE, sal-31 ta' Diċembru 2030, sehem tal-kwoti huwa attribwit lill-Istati Membri bi proporzjon għoli ta' kumpaniji tat-tbaħħir taħt ir-responsabbiltà tagħhom meta mqabbel mal-popolazzjoni rispettiva tagħhom. Id-dħul ġenerat mill-irkantar ta' dak is-sehem ta' kwoti għandu jintuża għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 10(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (g), fir-rigward tas-settur marittimu, u l-punti (f) u (i). L-Istati Membri rilevanti għandhom jużaw il-kolonna J biex jindikaw fejn intuża dan id-dħul.

(7) Skont l-Artikolu 10(3) tad-Direttiva (UE) 2003/87/KE, l-Istati Membri huma meħtieġa jispeċifikaw, meta jkun rilevanti u kif xieraq, liema dħul jintuża u l-azzjonijiet li jittieħdu biex jimplimentaw il-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima (NECP) imressqa f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999 u l-pjanijiet territorjali tagħhom għal tranżizzjoni ġusta (JTP) imħejjija f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1056/oj). Jekk jogħġbok indika n-numru tal-azzjoni li qed tiġi implimentata (eż., il-miżura 1.1 tal-NECP jew il-JTP XX.1)

(8) Jekk jogħġbok indika meta d-dħul intużax għal proġett jew programm għall-manifattura ta' kwalunkwe waħda mit-teknoloġiji żero netti li ġejjin:
- teknoloġiji solari, inklużi: PV, teknoloġiji termali solari elettriċi u teknoloġiji termali solari;
- enerġija mir-riħ fuq l-art u teknoloġiji rinnovabbli offshore;
- teknoloġiji tal-batteriji u tal-ħżin tal-enerġija;
- pompi tas-sħana u teknoloġiji tal-enerġija ġeotermali;
- teknoloġiji tal-idroġenu, inkluż elettrolizzaturi u ċelloli tal-fjuwil;
- teknoloġiji tal-bijogass u l-bijometan sostenibbli;
- teknoloġiji tal-qbid u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju;
- teknoloġiji tal-grilja tal-elettriku, inklużi teknoloġiji tal-iċċarġjar elettriku għat-trasport u teknoloġiji għad-diġitalizzazzjoni tal-grilja;
- teknoloġiji tal-enerġija mill-fissjoni nukleari, inklużi teknoloġiji taċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari;
- teknoloġiji tal-fjuwils alternattivi sostenibbli;
- teknoloġiji tal-enerġija idroelettrika;
- teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli, mhux koperti mill-kategoriji preċedenti;
- teknoloġiji tal-effiċjenza enerġetika relatati mas-sistema tal-enerġija, inklużi teknoloġiji tal-grilja tas-sħana;
- fjuwils rinnovabbli ta' teknoloġiji ta' oriġini mhux bijoloġika;
- soluzzjonijiet klimatiċi u enerġetiċi tal-bijoteknoloġija;
- teknoloġiji industrijali trasformattivi għad-dekarbonizzazzjoni mhux koperti mill-kategoriji preċedenti;
- teknoloġiji tat-trasport u l-utilizzazzjoni tas-CO2.

Tabella 4:

L-użu tad-dħul mill-irkant tal-kwoti għal skopijiet internazzjonali fis-sena X-1

1		Ammont żborżat fis-sena X-1		Ammont impenjat fis-sena X-1		Kummenti
2	L-użu tad-dħul mill-irkant tal-kwoti jew il-valur finanzjarju ekwivalenti għall-finijiet internazzjonali (1)	1 000 Munita domestika, fejn applikabbli (2)	1 000 Euro	1 000 Munita domestika, fejn applikabbli (3)	1 000 Euro	Eż. spjega l-lakuni, l-informazzjoni kwalitattiva dwar l-użi speċifiċi jekk l-informazzjoni kwantitattiva ma tkunx disponibbli u kull informazzjoni oħra li takkumpanjaha
3	A	B	C	D	E	F
4	L-ammont totali użat kif jispeċifikaw l-Artikoli 10(3) u 3d(4) tad-Direttiva 2003/87/KE għal **appoġġ lil pajjiżi terzi li mhumiex pajjiżi li qed jiżviluppaw**					
5	L-ammont totali użat kif jispeċifikaw l-Artikoli 10(3) u 3d(4) tad-Direttiva 2003/87/KE għal **appoġġ lil pajjiżi li qed jiżviluppaw**					
